IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 609/2009

tat-8 ta' Lulju 2009

li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Maqgħuda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni b'mod uniformi tan-Nomenklatura Maqgħuda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri rigward il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maqgħuda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe sottodiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-merkanzija msemmija fil-kolonna 1 tat-tabella li tinsab fl-Anness għandha tkun ikklassifikata taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2, għar-raġunijiet imsemmija fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

(4) Huwa approprjat li jiġi pprovdut li informazzjoni vinkolanti tat-tariffa li tkun inħarġet mill-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri fir-rigward tal-klassifika ta' merkanzija fin-Nomenklatura Maqgħuda iżda li ma tkunx skont dan ir-Regolament, tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tiġi invokata mid-detentur, taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mfassla fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Maqgħuda taħt il-kodiċi NM indikata fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Prodott f'forma granulari ta' (% bil-piż): — anhydrous betaine 95,8 — ilma 1,5 — kalċjusteariku (aġent ta' kontra t-tgħaqqid) 1,0 u l-bqija huma impuritajiet Il-prodott huwa wżat fi preparamenti tat-tip użat fl-għalf tal-annimali.	2923 90 00	Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 1 (a) u 1(f) tal-Kapitolu 29 u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 2923 u 2923 90 00. Il-prodott barra minn anhydrous betaine u ilma fih biss kalċjusteariku (aġent ta' kontra t-tgħaqqid) u impuritajiet u konsegwentement jissodisfaw il-kliem tan-Noti 1(a) u 1(f) tal-Kapitolu 29. Betaine mhux vitamina jew provitamina tal-intestatura 2936. Huwa melħ tal-ammonju intramolekulari quartenery [ara wkoll in-Noti Spjegati tas-Sistema Armonizzata (HS EN) tal-intestatura 2923, paragrafu 4 (6)]. B'hekk, il-prodott għandu jiġi kklassifikat fl-intestatura 2923.